**QORTI ĊIVILI**

# Prim Awla

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**Illum, 31 ta' Jannar , 2019**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Joshua Mifsud u martu Maria Dolores Sant**

**(K.I. numri 205478 (M) u 367284 (M)**

**Rikors Ġuramentat Nru. 606/2018 RGM**

**Kawża fil-lista: 5**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur li permezz tieghu ppermetta u talab is-segwenti:-

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 26 ta' Mejju 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef (Dok. ''A'') is-socjeta`

attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Joshua Mifsud u Maria Dolores Sant.

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' Joshua Mifsud u Maria Dolores Sant fis-somma ta' mija u sebgha u sittin elf, sitt mija u sebgha u hamsin ewro u seba' centezmi (€167,657.07) bilanc ghad-debitu fil-*''Loan Accounts''* ta' Joshua Mifsud u Maria Dolores Sant mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ''B'') flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 ta' Gunju 2018 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (a hawn ezibit bhala Dok. ''A''), partikolarment imma mhux esklussivament billi Joshua Mifsud u Maria Dolores Sant:-

a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti [recte: attrici] kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Joshua Mifsud u Maria Dolores Sant li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-atturi nomine jafu bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti Joshua Mifsud u Maria Dolores Sant gew interpellati permezz ta' ittra uficjali datat 4 ta' Ottubru 2017, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'C', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok ''A''), partikolarment imma mhux esklussivament, Joshua Mifsud u Maria Dolores Sant (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Joshua Mifsud u Maria Dolores Sant li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u

2. Tikkundanna lil Joshua Mifsud u Maria Dolores Sant ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebgha u sittin elf, sitt mija u sebgha u hamsin ewro u seba' centezmi (€167,657.07) bilanc ghad-debitu fil-'*'Loan Accounts''* ta' Joshua Mifsud u Maria Dolores Sant mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ''B'') flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 ta' Gunju 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta' Ottubru 2017 (Dok. ''C'') kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat l-atti tal-kawża inklużi d-dokumenti esibiti;

Rat l-affidavit ta' Dorianne Tanti, *Executive Officer* u rappreżentanta tal-Bank attur;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Diċembru 2018 fejn, wara li aċċertat ruħha li l-konvenuti kienu debitament notifikati b'rikors ġuramentat u bl-avviż tas-smigħ u li iżda ma kinux ippreżentaw risposta maħlufa u naqsu li jidhru, din il-Qorti ddikjarathom bħala kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Fl-istess udjenza l-Qorti semgħet id-deposizzjoni ta' Dorianne Tanti fejn xehdet li ma tħallas xejn mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat u li l-

bilanċ indikat fir-rikors ġuramentat għadu kollu dovut inkluż l-imgħax li żdied aktar u ħalliet il-kawża għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**L-Azzjoni Attriċi**

Minn eżami tal-provi akwiżiri jirriżulta sodisfaċentement illi t-talbiet tal-Bank attur huma ġustifikati. Jirrżulta mill-i*statement* tal-kont tas-self ippreżentat illi l-aħħar pagament mill-konvenuti ġie effetwat fl-10 ta' Novembru 2012.

Il-ġurisprudenza nostrana tgħallimna li '*il-ħtija fil-każ ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni hija nsita fl-inadempjenza stess, ammenokke l-parti inadempjenti ma tippruvax il-każ fortuwitu jew il-forza maġġuri, jew raġuni oħra ta' eżenzjoni mir-responsabilità*'[1].

Fuq il-kuntratt tas-self il-partijiet kienu ftehmu inter alia illi fl-eventwalia' li "(a) the Customers fail to pay any sum whether of principal, interest, fees or charges, due from them under the deed of loan, at the time and in the manner stipulated in this deed; or ........................(d) any indebtedness of the Customers is not paid when due..........the Bank may by notice to the Customers declare the loan to be immediately due and payable, whereupn it shall become so due and payable together with the accrued interest thereon and any other amounts then payable under this deed."[2]

Ġialadarba l-kreditur u ċioe il-Bank attur ipprova l-eżistenza ta' l-inadempiment, il-piż tal-prova idur fuq id-debitur sabiex jipprova li dik l-inadempjenza kien dovut għal xi ħaġa barranija li tagħha huwa ma kienx

[1] **Nicola Callus et vs. Nicolina Farrugia** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta Ġunju 1959. Ara wkoll **Joseph Mallia et vs. JD Lifts Supplies Limited** (Ċit Nru 91/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-14 ta' Diċembru 2006.
[2] Fol. 9

responsabbli. Fid-dawl ta’ dan u ġialdarba l-konvenuti naqsu milli jippreżentaw risposta ġuramentata u naqsu milli jkunu preżenti għas-seduta tal-Qorti, l-ebda prova kontrarja ma nġabet.

It-talba attriċi għalhekk timmerita' li tiġi akkolta.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi u fil-kontumaċja tal-konvenuti, din il-Qorti qiegħda taqta` u tiddeċiedi din il-kawża billi

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 26 ta’ Mejju 2010, partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joshua Mifsdu u Maria Dolores Sant (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta’ mija u sebgħa u sittin elf, sitt mija u sebgħa u ħamsin Ewro u seba’ ċenteżmi (€167,657.07), bilanċ għad-debitu fil-"*Loan* u *Overdraft Accounts*" ta’ Joshua Mifsud u Maria Dolores Sant mal-Bank of Valletta p.l.c., flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-2 ta’ Ġunju 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuti inkluż dawk ta’ l-ittra uffiċjali datata 4 t’Otturbu 2017.

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |